



7.9.2015

0036/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dritt għal moviment liberu tal-forza tax-xogħol fl-Ewropa

**Maria Grapini (S&D), Viorica Dăncilă (S&D), Silvia Costa (S&D),  
Miriam Dalli (S&D), Monika Flašíková Beňová (S&D), Marlène Mizzi  
(S&D), Olga Sehnalová (S&D), Miltiadis Kyrkos (S&D),  
Evelyne Gebhardt (S&D), Theresa Griffin (S&D), Daniel Buda (PPE),  
Ramona Nicole Mănescu (PPE), Renate Weber (ALDE), Norica Nicolai  
(ALDE), Iliana Iotova (S&D)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar id-dritt għal moviment liberu tal-forza tax-xogħol fl-Ewropa<sup>1</sup>**

1. L-Unjoni tissejjes fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u fuq l-istat tad-dritt. Għalhekk, l-UE għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni ta' kull tip, inkluż fir-rigward tal-impjieg u s-suq tax-xogħol.
2. Il-prinċipju tat-trattament ugwali fl-impjieg u t-taħriġ, irrispettivament mis-sess, ir-reliżjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-oriġini etnika u l-età, huwa żgurat fil-livell tal-UE permezz tad-Direttiva dwar l-Impjieg, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u bosta ligiġiet dwar is-sessi, iżda f'xi Stati Membri d-direttivi kkonċernati jiġu mif huma u implimentati b'mod differenti.
3. Dan huwa marbut mal-fatt li f'ħafna Stati Membri, in-nazzjonalità, is-sess u l-età mħumiex inklużi b'mod espliċitu bħala raġunijiet ta' diskriminazzjoni pprojbiti taħt il-liġi nazzjonali.
4. Għalhekk inqisu li huwa meħtieġ għall-Kummissjoni li tissorvelja aktar mill-qrib it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, mill-Istati Membri kollha tal-UE u mis-sħab taż-ŻEE, peress li dan sejkollu effetti pożittivi kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tīgi ffirmata minn maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament, din tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.